Dan il-fuljett huwa parti minn serje miktuba minn infermiera, tobba u esperti b'esperjenza fil-kura tal-anzjani. Hemm ukoll fuljetti għal persuni li qed ifittxu kura residenzjali tal-anzjani. Dan il-fuljett, u l-oħrajn jistgħu jitniżżlu minn: **www.10questions.org.au**

Tista' ssib dan il-fuljett utli meta:

- Qed tfittex għal fornitur ta' kura fid-dar ta' kwalità għolja
- Qed tirrevedi l-kwalità tal-fornitur attwali tiegħek tal-kura fid-dar
- Qed tiddeċiedi bejn żewġ fornituri tal-kura fid-dar li jidhru simili.

**Il-kura fid-dar** hija kura tal-infermiera, personali u domestika fid-dar tiegħek ipprovduta minn firxa ta' ħaddiema. Il-kwalifika, l-esperjenza u t-tip ta' ħaddiem għandhom ikunu mqabbla mal-bżonnijiet tiegħek u jistgħu jinkludu infermiera reġistrati, professjonisti tas-saħħa alleata u ħaddiema tal-kura personali. Alternattivament jista' jkollok bżonn għajnuna biss fil-manutenzjoni tal-ġnien, fix-xiri jew tindif.

Xi ħaddiema jivvjaġġaw lejn djar differenti kuljum u jipprovdu żjarat qosra, filwaqt li oħrajn jistgħu jibqgħu mal-istess persuna għal ċertu ammont ta' ħin kuljum.

**Il-fornituri tal-kura tal-pjattaforma** huma pjattaformi fuq l-internet u applikazzjonijiet mobbli li jgħaqqdu biss lin-nies ma' ħaddiema li jaħdmu għal rashom u li m'humiex Fornituri Approvati, u lanqas responsabbli skont l-Att dwar il-Kura tal-Anzjani. Jekk m'għandekx Pakkett għall-Kura fid-Dar u trid tirrekluta u tħallas għall-ħaddiema tal-kura tal-anzjani tiegħek stess, tista' tikkonektja online. Jekk tirċievi finanzjament mill-gvern federali, trid issib fornitur approvat tal-kura tal-anzjani li huwa lest li jħallas il-pjattaforma onlajn mis-sussidji tal-kura tal-anzjani tal-gvern li jirċievu f'ismek.

Frar 2023

# HU D-DRITT TIEGĦEK LI TISTAQSI

L-aħjar mod biex issib fornitur tal-kura fid-dar li jaqbel lilek huwa li tikkuntattja xi wħud minnhom.

Jekk għandek tħassib dwar il-fornitur jew is-servizzi tal-kura fid-dar tiegħek ikkuntattja lil:

**My Aged Care** — **myagedcare.gov.au** — **1800 200 422**

**Seniors Rights Service** — **1800 424 079**
**Servizz tad-Drittijiet tal-Anzjani**

**Carer Gateway** — **1800 422 737**

Dan il-fuljett ġie żviluppat u approvat minn:

NSW Nurses & Midwives' Association · MCCI Multicultural Communities Council of Illawarra – Partners In Culturally Appropriate Care (PICAC) NSW & ACT · Palliative Care New South Wales · Health Consumers NSW · NSW Rural Doctors Network · CPSA Combined Pensioners & Superannuants Association · Carers NSW Australia · Seniors Rights Service · OWN · WEL · oasmof · QACAG Quality Aged Care Action Group Incorporated · Australian Nursing & Midwifery Federation

Għal lista sħiħa ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ jekk jogħġbok żur **www.10questions.org.au**

Jekk għandek tħassib dwar Fornitur tal-Kura fid-Dar ikkuntattja:

1800 951 822

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

www.agedcarequality.gov.au

# 10 Mistoqsijiet li għandek tistaqsi

## DWAR

# KURA FID-DAR IFFINANZJAT MILL-GVERN FEDERALI (HOME CARE - MALTESE)

NSW Nurses & Midwives' Association

MCCI Multicultural Communities Council of Illawarra
Partners In Culturally Appropriate Care (PICAC) NSW & ACT

**www.10questions.org.au**

Rikonoxximent jingħata lill-Alleanza PICAC li kkontribwiet għall-iżvilupp ta' dan il-fuljett

***Jista' jkun hemm dewmien twil fl-akkwist ta' pakkett ta' kura fid-dar peress li hemm numru limitat biss. Jekk taħseb li għandek bżonn kura jew appoġġ, aġixxi malajr biex tiżgura s-servizzi tiegħek.***

## 1 X'kura u appoġġ nista' nirċievi d-dar?

Jekk taqa' taħt il-kriterji tal-gvern, tista' tkun intitolat għal firxa ta' servizzi bħal xiri, kura personali, manutenzjoni fid-dar, kura mill-infermiera, inkluż appoġġ fi tmiem il-ħajja f'darek stess. Dettalji dwar il-Programm ta' Appoġġ fid-Dar tal-Gvern Federali (appoġġ fil-livell tad-dħul), u l-Programm ta' Pakketti ta' Kura fid-Dar (meta jkollok bżonn aktar għajnuna) jistgħu jinstabu fuq My Aged Care (MAC)*.

## 2 Kif nibda l-proċess?

L-ewwelnett, irreġistra ma' MAC bit-telefown jew online. Membru tat-Tim tal-Evalwazzjoni għall-Kura tal-Anzjani imbagħad iżur id-dar tiegħek biex jevalwa l-bżonnijiet tal-kura tiegħek. Wara l-evalwazzjoni, tirċievi ittra mill-MAC li tiddeskrivi s-servizzi li int eliġibbli għalihom u tagħtik 'kodiċi ta' riferiment' tal-MAC li huwa uniku għalik. Ladarba tkun ġejt approvat għall-kura fid-dar, hija idea tajba li tqabbel ftit fornituri tas-servizzi, tiċċekkja affarijiet bħad-disponibbiltà tal-impjegati, miżati u ħlasijiet, appoġġ bil-lingwa / kulturali. Jista' jkun li jkollok tistenna għal xi servizzi. Jekk għandek bżonn l- għajnuna, uża n-numri fuq wara ta' dan il- fuljett għal parir bla ħlas.

## 3 X'ser ikunu l-ispejjeż?

Jista' jkun li ser ikollok tikkontribwixxi għall-kura tiegħek, u l-ammont huwa ttestjat skont il-mezzi. Il-fornituri kollha tas-servizzi għandu jkollhom il-ħlasijiet tagħhom fuq il-websajt tagħhom. Qabbel il-miżati li l-fornituri jitolbu fil-post fejn toqgħod.

## 4 Nista' nibdel il-fornitur tas-servizz tiegħi?

Int għandek id-dritt li tibdlu iżda jista' jkollok bżonn tintervista ftit fornituri qabel ma taqbel dwar kuntratt ġdid. Iċċekkja l-ispiża ta' kwalunkwe miżata ta' amministrazzjoni, u jekk jistgħux jipprovdu dak li għandek bżonn. Tista' ssibha utli li ġġib lil xi ħadd jitkellem f'ismek qabel ma tiffirma kuntratt ġdid.

## 5 Liema miżuri hemm fis-seħħ biex jiġi żgurat li huwa sigur li nħalli nies li ma ltqajtx magħhom qabel jidħlu f'dari?

Il-ħaddiema kollha tal-kura tal-anzjani għandhom kondotta nadifa mill-pulizija u jridu jikkonformaw mal-Istandards nazzjonali tal-Kwalità fil-Kura tal-Anzjani^. Il-ħaddiema kollha li jidħlu f'darek għandhom isegwu r-regolamenti dwar iż-żamma tal-kunfidenzjalità u jkunu rispettużi. L-iktar ħaġa importanti hija li għandek id-dritt għal kura u servizzi siguri u ta' kwalità għolja. Aktar dettalji dwar il-Karta tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani jinstabu fuq il-websajt tal-MAC.

## 6 Se jintlaħqu l-ħtiġijiet speċifiċi tiegħi (kulturali, reliġjużi, LGBTQI)?

Il-fornitur tas-servizz tiegħek għandu jiżviluppa pjan ta' kura miegħek li jiddeskrivi l-aspetti kollha tal-ħtiġijiet tal-kura tiegħek, inkluż appoġġ għall-kultura jew ir-reliġjon tiegħek jew għall-grupp tal-komunità li tagħmel parti minnu. Dan jista' jinkludi ħaddiem tal-kura bi ħlas mill-grupp tal-lingwa tiegħek (jekk dan jeżisti), aċċess għal interpreti, kollegament komunitarju jew trasport għal avvenimenti kulturali. Kun żgur li tiċċekkja li s-servizzi li għandek bżonn jistgħu jiġu pprovduti qabel ma tiffirma kwalunkwe kuntratt.

## 7 X'jiġri jekk ma nkunx kuntent bis-servizzi tiegħi?

Jekk m'intix kuntent bis-servizzi jew bil-ħaddiem tiegħek, l-ewwelnett qajjem dan mal-fornitur tas-servizz tiegħek u tihom ċans li jirranġaw il-problemi. Jekk xorta m'intix kuntent, uża n-numri fuq wara ta' dan il-fuljett biex tfittex appoġġ jew tqajjem tħassib.

## 8 Se jkun hemm appoġġ għal min jieħu ħsiebi / għall-familja tiegħi?

Il-pjan ta' kura tiegħek jista' jinkludi servizzi jew appoġġ bħal għajnuna domestika, kura personali jew respite, li għandhom l-għan li jagħtu lil min jieħu ħsiebek jew lill-familja tiegħek serħan mill-kura. Konsulenza wiċċ 'imb wiċċ jew bit-telefown, appoġġ ta' ħaddiema tal-kura oħrajn, coaching, u respite jistgħu jkunu disponibbli wkoll għal min jieħu ħsiebek permezz tal-Carer Gateway#.

## 9 Is-servizzi l-oħra tiegħi jieqfu meta jibda l-pakkett tiegħi tal-kura fid-dar?

Inti xorta tkun intitolat għal servizzi tal-kura tas-saħħa primarja mill-GP tiegħek, speċjalisti mediċi u infermiera tal-komunità / infermiera tal-outreach u servizzi tas-saħħa alleata inkluż kura paljattiva. Jista' jkun li tkun tixtieq tinkludi infermier, fiżjoterapista jew podjatrista fil-pjan tal- kura tiegħek. Jekk iva, kellem lill-fornitur tas-servizz tiegħek.

## 10 Liema taħriġ irċievew il- ħaddiema tal-kura tiegħi?

Meta jiġu impjegati għall-ewwel darba l-ħaddiema tal-kura tiegħek għandhom ikunu rċevew taħriġ bażiku dwar kif jipprovdu kura sigura u ta' kwalità biex jissodisfaw il-ħtiġijiet individwali tiegħek u għandhom jirċievu aġġornamenti regolari. Jista' jkun li jkun hemm ħafna tibdil ta' impjegati u għalhekk iċċekkja qabel ma tiffirma l-kuntratt tiegħek liema taħriġ li l-ħaddiema tal-kura tiegħek diġà rċevew. Għandek id-dritt li titlob ħaddiem tal-kura differenti, waqt li tiftakar li jista' jkun hemm dewmien jekk tgħix f'żoni rurali jew jekk għandek bżonnijiet speċifiċi.

* Dettalji fuq in-naħa ta' wara ta' dan il-fuljett.

^ L-istandards nazzjonali tal-kura tal-anzjani huma rregolati mill-Kummissjoni dwar il-Kwalità u s-Sikurezza tal-Kura tal-Anzjani u japplikaw biss għal servizzi li jitħallsu mill-finanzjament tal-Gvern Federali.

# Tista' ċċempel lill-Carer Gateway fuq 1800 422 737 biex tikseb aktar informazzjoni.